MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1617/2001/1

**Louis u Patricia konjugi Magri**

**v.**

**Emmanuel Noel Magri legalment separat minn martu Brigette; u Stephen u Mary Grace konjugi Magri**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dawn huma żewġ rikorsi ta' l-appell ad istanza tal-konvenut Emanuel Noel Magri u ad istanza tal-konvenuti Stephen u Mary Grace konjuġi Magri li permezz tagħhom

qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 2007. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza appellata qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

**"Il-Qorti:**

"Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta' Ottubru, 2001, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ u li tikkundanna lill-imħarrkin Emanuel Noel Magri u Stephen u martu Mary Grace Magri jħallsuhom sittin elf Lira Maltija (Lm60,000) kull wieħed bħala s-sehem dovut mill-istess imħarrkin skond ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fl-4 ta' Awwissu, 1999;

"Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tal-31 ta' Ottubru, 2001, li bih tat lill-imħarrkin żmien biex jikkontestaw il-kawża;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-31 ta' Ottubru, 2001, li biha l-imħarrkin laqgħu għat-talba attriċi billi qalu li ma kienx minnu li waqgħu lura fil-ħlasijiet li saru għaliex fil-fatt sa dakinhar kienu diġa` ħallsu lill-atturi erbgħin elf Lira Maltin (Lm40,000) mifruxa fuq numru ta' okkażjonijiet. Jgħidu, għalhekk, li l-azzjoni tressqet qabel waqtha għaliex bl-ammont li huma diġa` ħallsu ma tilfux il-benefiċċju li jibqgħu jħallsu lura d-dejn bir-rati miftehma;

"Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Jannar, 2002[1], li bih ordnat li, minħabba l-eċċezzjoni tal-ħlas, jitressqu l-ewwel il-provi tal-imħarrkin;

"Semgħet ix-xhieda tal-partijiet, magħduda dawk bil-mezz tal-affidavit;

"Rat il-provi dokumentali mressqin minnhom;

[1] Paġ. 22 tal-proċess

“Rat id-digriet tagħha tal-1 ta’ Frar, 2005, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta’ Sottomissjonijiet;

“Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-1 ta’ Marzu, 2005[2];

“Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Emmanuel Noel Magri waqt is-smigħ tas-17 ta’ Mejju, 2005[3];

“Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin Stephen u Mary Grace Magri fis-6 ta’ Ġunju, 2005[4];
“Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Ġunju, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

“Rat id-digriet tagħha tad-9 ta’ Novembru, 2006, li bih waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u talbet li l-partijiet jiċċaraw fatti rilevanti li ma joħorġux ċar mill-atti tal-kawża;

“Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fil-5 ta’ Diċembru, 2006[5], bit-tweġibiet għall-kweżiti mitluba mill-Qorti;

“Rat in-Nota spjegattiva tal-atturi mressqa fid-9 ta’ Jannar, 2007[6];

“Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta’ Jannar, 2007, u b’mod partikolari għall-kjarifika magħmula mill-avukat tal-imħarrek Stephen Magri dwar it-tagħrif kontenut fin-Nota tiegħu;

“Rat l-atti kollha tal-kawża;

“Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ Jannar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

**“Ikkunsidrat:**

---

[2] Paġġ. 126 sa 133 tal-proċess
[3] Paġġ. 135 sa 140 tal-proċess
[4] Paġġ. 142-7 tal-proċess
[5] Paġġ. 156-7 tal-proċess
[6] Paġġ. 159-160 tal-proċess

"Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' dejn likwidat. L-atturi jgħidu li kienet saret kitba privata[7] li biha l-imħarrkin kienu ikkostitwew irwieħhom bħala ċerti u likwidi debituri tagħhom fis-somma ta' mija u għoxrin elf Lira Maltija (Lm120,000) liema somma kellha titħallas f'rati ta' mhux anqas minn tnax-il elf Lira Maltija (Lm12,000) kull waħda fis-sena bla imgħax. Jgħidu li l-imħarrkin waqgħu lura fil-ħlas u għalhekk huma (l-atturi) għandhom il-jedd jitolbu l-ħlas tas-somma kollha. U billi għalxejn talbu lill-imħarrkin iħallsu d-dejn tagħhom magħhom, fetħu l-kawża;

"Illi l-imħarrkin laqgħu billi qalu li ma kienu qatt waqgħu lura fil-ħlasijiet miftehma mal-atturi u għalhekk l-atturi m'għandhomx il-jedd li jċaħħduhom mill-benefiċċju taż-żmien għall-ħlas miftiehem. Huma jgħidu li, sa dakinhar li nfetħet il-kawża, huma kienu diġa` ħallsu lill-attur erbgħin elf Lira Maltija (Lm40,000). Minħabba f'hekk ukoll, huma jgħidu li l-kawża tressqet qabel waqtha;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti materjali tal-każ</u> jirriżulta li l-kontendenti huma aħwa. Magħhom kien hemm ħuhom ieħor jismu Anthony Magri. Għal xi żmien kienu jmexxu negozju flimkien bl-isem ta' minn sitt (6) stabilimenti kummerċjali fil-Belt Valletta u bnadi oħra, l-aktar fil-qasam tal-bejgħ tal-ħwejjeġ tal-ilbies u aċċessorji. Għall-ħabta tal-1998, l-aħwa qablu li jmorru għal rashom[8]. Il-ħsieb kien li l-imħarrkin jieħdu f'idejhom it-tmexxija tar-ristorant bl-isem ta' "*Sinatra*", u kif ukoll żewġt iħwienet bl-isem ta' "*Moyga*" u "*Play Boy*", filwaqt li l-attur u ħuh Anthony jżommu ġid immobiljari ieħor u jitħallsu, kull wieħed minnhom, somma flus. Dwar l-istokk tal-merkanzija li kien hemm, intlaħaq ftehim ieħor fil-prinċipju;

"Illi fl-4 ta' Awwissu, 1999, saret il-kitba privata mertu ta' din il-kawża li fiha l-imħarrkin Stephen u Emmanuel Noel aħwa Magri ddikjaraw li kienu debituri tal-atturi fis-somma ta' mija u għoxrin elf Lira Maltija (Lm 120,000) u dan in kwantu għal sittin elf Lira (Lm60,000) dovuti minn Stephen u martu, u in kwantu għas-sittin elf Lira (Lm60,000) l-

[7] Dok "A", f'paġġ. 6-8 tal-proċess
[8] Affidavit ta' Stephen Magri 12.4.2002, f'paġ. 25 tal-proċess

oħrajn dovuti minn Emmanuel Noel. Id-debituri kienu eskludew is-solidarjeta' fir-rispettivi obbligi tagħhom lejn l-atturi. Dakinhar ukoll, saret kitba oħra fl-istess termini favur Anthony Magri[9], iżda wara li saru arranġamenti oħrajn bejn il-firmatarji, l-ftehim twaqqa'[10];

"Illi fit-22 ta' Settembru, 1999, inħareġ *cheque* għas-somma ta' għoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) li ddaħħal f'kont bankarju intestat f'isem l-atturi[11]. Fis-7 ta' Ottubru, 1999, inħarġu żewġ *cheques* oħrajn[12] pagabbli lill-attur, u li jammontaw għal għoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) bejniethom. Kienu miġbuda minn żewġ kontijiet differenti, imma maħruġin mill-istess persuna. Dawn daħlu f'kont tal-attur fit-13 ta' Ottubru, 1999;

"Illi nqalgħet kwistjoni dwar il-qsim tal-istokk li kien hemm fil-ħwienet u fl-imħażen. Dan ġara minħabba li, għalkemm kull wieħed mill-erbat aħwa kellu jieħu sehem indaqs, il-qsim sar fuq tlett ishma. L-imħarrkin jgħidu li, minħabba f'hekk, l-attur u ħuhom l-ieħor Anthony ġew ħadu terz kull wieħed mill-imsemmi stokk, liema sehem kien jaqbeż dak li messhom ħadu. L-imħarrkin jgħidu li, għalhekk, dak is-sehem żejjed li ħadu Louis u Anthony kellu jinqata' minn dak li messhom iħallsuhom l-imħarrkin skond il-kitbiet ta' kostituzzjoni ta' dejn li saru[13]. L-attur jiċħad dan kollu;

"Illi l-attur jisħaq[14] li meta nħareġ l-ammont li kien dovut lilu u lil ħuh Anthony, kien sar *"stock take value"* tal-merkanzija li l-aħwa kellhom fil-ħwienet immexxijin minnhom, b'mod li l-ammont li jissemma fil-kitbiet li saru kien jirrifletti l-valur tal-imsemmi stokk ukoll. Huwa jaċċetta li, xi ġimgħat wara li kienet saret il-kitba, kien irċieva s-somma ta' erbgħin elf Lira Maltija (Lm40,000) mingħand ħuh Stephen f'żewġ ħlasijiet ta' għoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) kull wieħed, u jaċċetta wkoll li f'wieħed mill-każijiet ħuh kien ħallas fuq talba tal-attur innifsu[15]. Iżda jisħaq li l-ebda wieħed minn dawk il-ħlasijiet ma sar

[9] Dok "B", f'paġġ. 31-3 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Anthony Magri 1.4.2004, f'paġġ. 76-7 tal-proċess
[11] Dok "AP1", f'paġ. 19 tal-proċess
[12] Dokti "AP2" u "AP3", f'paġġ. 20-1 tal-proċess
[13] Affidavit ta' Noel Magri 20.5.2002, f'paġġ. 38-9 tal-proċess
[14] Xhieda tiegħu 3.7.2003, f'paġ. 49 tal-proċess
[15] *Ibid.* paġ. 50 tal-proċess

biex jinqata' l-ammont kostitwit fil-kitba, iżda kien tħallas akkont ta' sehemu mill-qligħ tan-negozju sakemm kien għadu jaħdem bi sħab ma' ħutu[16]. Jgħid li dan qalulu l-imħarrek Stephen Magri nnifsu[17]. Huwa baqa' jsostni li s-somma msemmija fil-kitba ma kienitx tinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-qligħ li kellu jirriżulta mit-tmexxija tan-negozju sakemm kien baqa' jaħdem ma' ħutu, u dan għaliex sa dakinhar li saret il-kitba l-kontijiet ma kienux ingħalqu;

"Illi jirriżulta[18] li bejn Ottubru tal-1990 u Diċembru tal-1998, l-attur kien messu s-somma ta' mija u għaxart elef Lira Maltija (Lm110,000) mid-dħul imqassam min-negozju għall-biċċa l-kbira minn dawk is-snin. F'għeluq Awwissu tal-2001[19], l-atturi bagħtu ittra uffiċjali lill-imħarrkin biex jitolbuhom il-ħlas tas-somma kollha ta' mija u għoxrin elf Lira Maltija (Lm120,000) flimkien mal-imgħax. Fit-8 ta' Ottubru, 2001, infetħet il-kawża;

"Illi għal dak li jirrigwarda <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u>, jibda biex jingħad li l-imħarrkin ma jiċħdu bl-ebda mod li huma kienu debituri tal-atturi skond kif imsemmi fil-kitba privata. Il-kwistjoni ewlenija quddiem din il-Qorti hija dik jekk huwiex minnu li l-imħarrkin waqgħu lura fil-ħlas kif obbligaw irwieħhom skond il-ftehim, u jekk tilfux għalhekk il-benefiċċju taż-żmien biex ikomplu jwettqu l-ħlas bir-rati miftehma. Marbuta sfiq ma' din il-konsiderazzjoni hemm dik dwar l-ammont li tassew tħallas lura lill-atturi mill-imsemmi dejn. Dan qiegħed jingħad għaliex, għalkemm jidher li ntwera li tassew saru xi ħlasijiet, l-atturi jgħidu li mhux kull ħlas li sar kien b'radd lura tad-debitu mertu tal-każ, imma kienu saru ħlasijiet oħrajn marbutin mal-likwidazzjoni tal-qligħ tan-negozju li qatt ma kienu jagħmlu parti mill-ftehim li dwaru qegħdin jitolbu l-ħlas f'din il-kawża. It-tielet konsiderazzjoni, li wkoll tintrabat mal-ewwel waħda, hija li jekk kemm-il darba jirriżulta li l-imħarrkin tassew waqgħu lura fil-ħlas, fuq il-bilanċ dovut jibda jgħaddi l-imgħax legali;

[16] *Ibid.* paġġ. 50-1 tal-proċess
[17] Xhieda tiegħu 9.12.2003, f'paġġ. 60b-60ċ tal-proċess
[18] Dokti "LMA" sa "LMD" f'paġġ. 55-8 tal-proċess
[19] Dok "EZL1", f'paġġ. 69-70 tal-proċess

"Illi skond il-ftehim, l-ammont ta' kreditu mistqarr kien jirrappreżenta "diversi somom mislufin" lill-imħarrkin mill-atturi qabel id-data li saret il-kitba. Il-ftehim ma kienx jgħid sa meta d-dejn kellu jitħallas lura, imma kien jitlob biss li f'kull sena jitħallsu lura **mhux anqas** minn tnax-il elf Lira Maltin. Wieħed jifhem għalhekk li, jekk il-ħlasijiet kellhom isiru f'waqthom, l-itwal żmien għall-ħlas tas-somma kollha kellu jkun ta' għaxar (10) snin. Jidher li dan l-ammont kien jirreferi għaż-żewġ debituri flimkien. Minbarra dan, jirriżulta li l-benefiċċju tal-ħlas lura bir-rati kien jintilef jekk il-ħlasijiet ikunu waqgħu lura b'perjodu ta' minn tal-anqas tliet (3) xhur. Hawn ma jissemma xejn jekk f'każ li wieħed biss mid-debituri jaqa' lura fil-ħlas, it-terminu tal-ħlas jintilifx mid-debitur l-ieħor ukoll. Minħabba li l-partijiet eskludew is-solidarjeta` tad-debituri bejniethom, ma jidhirx li l-benefiċċju kien jintilef minn min fost id-debituri ikun baqa' jħallas fil-ħin;

"Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tosserva li l-kawżali tad-dejn mistqarr fil-kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu – jiġifieri li dak id-dejn kien jirrappreżenta "diversi somom mislufin" – m'għandhiex tittieħed litteralment. Fi kliem l-attur innifsu[20], is-somma waslu għaliha bħala ekwiparazzjoni wara li ħutu l-imħarrkin kien messhom sehem li jiswa aktar mill-ħwienet u ġid immobbli ieħor li kien qablu lkoll li kienu sejrin iżommu huma. Jidher li l-imħarrkin ma merewx dan il-fatt[21];

"Illi hemm qbil bejn il-partijiet li, sa ma nfetħet il-kawża, kienu tħallsu lill-atturi erbgħin elf Lira Maltin (Lm40,000). Dawn tħallsu fi żmien xahrejn minn dakinhar li saret il-kitba, u fiż-żewġ okkażjonijiet, it-talba kienet saret mill-attur innifsu lil wieħed minn ħutu l-imħarrkin. Iżda l-atturi jisħqu li l-ebda parti minn dik is-somma ma kienet ħlas lura tad-dejn mertu tal-każ. Skond l-atturi, s-somma kienet tirrappreżenta ħlasijiet ta' jeddijiet oħrajn li l-attur Louis Magri kellu jdaħħal minn qligħ. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jinsistu li l-ħlas li sar kien kollu akkont tad-dejn magħruf bil-kitba ta' Settembru, 1999. Fl-istess waqt, l-

[20] Affidavit tiegħu 18.9.2003, Dok "LM1", f'paġ. 65 tal-proċess
[21] Xhieda tal-imħarrek Noel Magri fil-kontro-eżami 1.4.2004, f'paġ. 82 tal-proċess

imħarrkin ma jiċħdux lanqas li, minbarra l-ħlas tas-somma msemmija fil-kitba tal-kostituzzjoni tad-dejn, l-attur kien għad irid jirċievi wkoll sehemu mill-qligħ li jirriżulta min-negozju sad-data li kien baqa' jaħdem magħhom bi sħab[22];

"Illi l-Qorti tosserva li ż-żewġ partijiet jaqblu li, meta l-attur tħallas l-erbgħin elf Lira (Lm40,000) sa Ottubru tal-1999, la huma ma qalulu li kienu qegħdin iħallsuhom akkont tad-dejn mistqarr, u lanqas hu ma kien intalab mingħandhom dikjarazzjoni li kien qiegħed jirċievi dak l-ammont sewwasew akkont tal-ammont imsemmi fil-kitba. U filwaqt li l-attur jgħid li huwa kien talab dawk il-flus minħabba li ried il-kapital biex jarma għal rasu, l-imħarrkin jisħqu wkoll li, sa l-2001, l-attur ma kien semma' xejn dwar in-nuqqas tagħhom li jħallsuh dak miftiehem, jekk tassew kienu naqsuh b'dak il-mod. B'hekk, l-imħarrkin jargumentaw li l-attur kien tahom x'jifhmu li huwa kien aċċetta li tħallas l-Lm40,000 bħala akkont mid-dejn li kien maqbul fil-kitba mertu tal-kawża f'Awwissu tal-1999;

"Illi l-atturi jargumentaw li ma jistax ikun li l-ħlas kollu li sar fl-ewwel xahrejn kien maħsub li jaqta' d-dejn miftiehem fil-kitba ta' Settembru, għaliex il-partjiet kienu ftehmu l-ħlas b'rati u ma jagħmilx sens li d-debituri qatgħu terz mill-imsemmi dejn meta setgħu ħallsu l-ammont lura b'iżjed kumdita` u meta ma kienx hemm imgħaxijiet għaddejjin sakemm il-ħlas isir fil-ħin. Jimplikaw, għalhekk, li tabilfors li l-ħlas sar f'dik is-somma minħabba li kien hemm obbligi oħrajn li l-imħarrkin kellhom lejn ħuhom l-attur u li, fil-fatt, dawk il-ħlasijiet kienu ħlasijiet in konsiderazzjoni ta' dawk l-obbligi. Biex isaħħu dan ir-raġunament, jindikaw li l-biċċa l-kbira mill-ammont imħallas sar minn kontijiet tad-ditta li mingħandha l-attur Louis Magri kellu jitħallas sehemu mill-qligħ;

"Illi l-Qorti ma taqbilx għal kollox ma' dan ir-raġunament. Meta debitur jingħata l-fakulta` li jħallas lura dejnu bir-rati u fuq medda ta' żmien ma jiġix imċaħħad mill-għażla li jħallas dejnu qabel iż-żmien miftiehem jew f'rati ogħla. It-

[22] *Ibid.*, f'paġ. 83 tal-proċess

terminu għall-ħlas huwa fakulta` mogħtija lid-debitur, sakemm ma jkunx miftiehem favur il-kreditur[23], u din il-fakulta` tibqa' sseħħ sakemm huwa jżomm mal-kundizzjonijiet li taħthom il-ħlas b'rati jkun ġie miftiehem. Biex l-argument tal-atturi jsib is-saħħa, kellhom juru lill-Qorti bi provi tajba li l-obbligi l-oħrajn li l-imħarrkin kellhom lejn l-attur ħuhom kienu jimponu kundizzjoni li titfa' urġenza għall-ħlasijiet ta' dawk l-obbligi. Dan ma jidhirx li għamluh;

"Illi fil-każ tal-lum, iżda, huwa fatt li, fil-ħin li saru ż-żewġ ħlasijiet lill-attur f'Settembru u f'Ottubru tal-1999, l-imħarrkin ma kienux iddikjaraw – kif kellhom kull jedd li jagħmlu[24] - kontra liema dejn kien qed isir tali ħlas. Jekk, kif igħid l-attur, il-ħlas sar dwar sehemu mill-qligħ, dan ikun ifisser li, fil-fatt, fil-ħin ta' dak il-ħlas, l-imħarrkin kienu midjunin lejh dwar aktar minn dejn wieħed. Jekk, kif qegħdin jgħidu l-imħarrkin, dak il-ħlas kollu sar kontra d-dejn mistqarr fil-kitba, kien ikun ifisser li huma ma kienux jammettu li, sa dak iż-żmien, kellhom fil-fatt dejn ieħor dovut lil ħuhom l-attur. Il-fatti m'humiex hekk. L-imħarrkin kienu diġa` ddikjaraw fi żmien qabel (jiġifieri meta l-aħwa kienu qablu li jmorru għal rashom) li l-attur u kull wieħed minnhom kellu jirċievi s-sehem tiegħu mill-qligħ. Dak li kien għadu mhux magħruf sa dak iż-żmien kien kemm kellu jkun l-ammont ta' tali sehem. Mela, fil-fehma tal-Qorti, meta tħallsu l-Lm40,000 lill-attur (fuq talba tiegħu) sa Ottubru tal-1999, kien hemm żgur żewġt idjun favurih: wieħed – dak imsemmi fil-kitba mertu tal-każ – li kien ċert u likwidu imma għadu mhux dovut; u kien hemm ieħor (dwar sehem l-attur mill-qligħ tan-negozju) li la kien likwidat u lanqas dovut;

"Illi, fid-dawl ta' dan kollu, l-liġi trid li l-jedd tal-imputazzjoni ta' ħlas dwar dejn partikolari l-ewwel u qabel kollox imiss lid-debitur li qiegħed jagħmel il-ħlas. Kemm hu hekk, jingħad li "*the right to declare which debt is discharged belongs in the first place to the debtor because he is the one who is most interested in the payment, and he may consider himself to be more burdened by the one debt*

[23] Art. 1073 tal-Kap 16
[24] Art. 1168(1) tal-Kap 16

*than by another. His right is only limited when its exercise may be detrimental to the creditor*"[25]. Din ir-regola tieqaf tgħodd fejn, mingħajr il-qbil tal-kreditur, id-debitur jimputa ħlas għal dejn li jkun għadu m'għalaqx qabel dejn li jkun diġa` għalaq[26];

"Illi dan il-jedd tal-imputazzjoni jrid isir fil-waqt innifsu tal-ħlas, u mhux wara. Kemm hu hekk, f'każ li d-debitur ma jfissirx ruħu dwar l-imputazzjoni waqt il-ħlas, il-jedd jgħaddi għand il-kreditur. U ladarba d-debitur jaċċetta l-għażla li jkun għamel il-kreditur (u sakemm l-istess kreditur ma jkunx qarraq bid-debitur jew ħasdu) ma jistax aktar 'il quddiem jattakkaha. Mhux hekk biss, imma ladarba tkun saret l-imputazzjoni, ma jkunux aktar applikabbli r-regoli maħsuba mil-liġi għall-imputazzjoni legali[27]. Issa, f'dan il-każ, wieħed jista' jargumenta li lanqas l-attur (il-kreditur) ma kien imputa espressament dwar liema dejn kien qiegħed jilqa' l-ħlas tal-Lm40,000 mingħand ħuh Stephen. Mhux biss ma ħalliex riċevuta, imma talab biss il-ħlas sabiex ikun jista' jinvesti l-flus fin-negozju l-ġdid li kien fetaħ għal rasu, u talab dan il-ħlas qabel ma kienet għadha dovuta l-ewwel rata ta' ħlas skond il-kitba ta' kostituzzjoni ta' dejn. Fin-nuqqas ta' imputazzjoni espressa u inekwivoka min-naħa ta' xi waħda mill-partijiet, il-Qorti qegħda tqis li ma saret l-ebda imputazzjoni mill-ebda parti meta saru ż-żewġ ħlasijiet ta' Lm20,000 lill-attur;

"Illi, bi tħaddim tar-regoli ta' imputazzjoni legali, jiġri li meta debitur ikollu aktar minn dejn wieħed mal-kreditur tiegħu, ħlas magħmul mid-debitur mingħajr imputazzjoni speċifika għal liema mid-djun dak il-ħlas qiegħed isir, jitqies li jkun ħlas li jaqta' d-dejn li jkun għalaq qabel dak li ma jkunx[28]. Saħansitra fejn ma jikkonkorrux il-każijiet speċifiċi u preżunzjonijiet maħsuba fil-liġi, jitqies li l-ħlas magħmul ikun sar dwar dak id-dejn li d-debitur kellu l-iżjed interess li jħallas[29]. F'dan ir-rigward, l-argument tal-imħarrek

[25] Caruana-Galizia Notes on Civil Law – Obligations , Chap III, paġ. 351
[26] Art. 1168(2) tal-Kap 16
[27] P.A. **31.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Ferris vs Borġ Bartolo*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.iii.38**)
[28] Art. 1171(b) tal-Kap 16
[29] Art. 1171(f) tal-Kap 16

Emmanuel Noel Magri[30] jidher aktar sod minn dak tal-atturi. Qajla għandu għalfejn jingħad li l-imħarrkin kellhom interess akbar li jħallsu r-rati miftehma tal-kreditu msemmi fil-kitba, milli jħallsu lill-attur sehemu mill-qligħ. Fuq kollox, l-atturi nfushom jistqarru li, fiż-żmien li tħallsu l-erbgħin elf Lira lill-attur, "kienu qegħdin jingħaddu l-profitti tal-kumpanija ħalli jiġi verifikat dak li hu dovut lill-attur mhux issa a bażi ta' din l-iskrittura, iżda bħala profitt sal-*cut-off-date*"[31]. Għall-Qorti dan kollu jfisser li d-dejn tal-profitt li l-attur kellu jirċievi kien dejn mhux biss mhux magħluq imma lanqas likwidat (għalkemm previst), filwaqt li d-dejn magħruf fil-kitba kien dejn ċert u likwidu. L-attur innifsu, fl-istess affidavit tiegħu (imressaq minnu f'Settembru tal-2003), jgħid li "*l-kwistjoni tal-profitti li kellna nieħdu min-negozju m'għandha x'taqsam u tant huwa hekk illi* ***sal-lum il-ġurnata*** *jiena ma stajtx naċċetta l-profitti hekk kif ġew preżentati għaliex dawn ma kienux 'audited'*"[32];

"Illi, madankollu, tali preżunzjonijiet tal-liġi jibqgħu jgħoddu biss sakemm ma jintweriex b'mod ieħor. Fil-każ tal-lum, jidher li (fiż-żmien li saru ż-żewġ ħlasijiet tal-bidu lill-attur) kien hemm il-fehma li l-attur kellu jieħu ħlas kemm taħt il-kitba ta' kostituzzjoni ta' dejn minbarra s-sehem tiegħu mill-qligħ tan-negozju sakemm baqa' jaħdem ma' ħutu bi sħab. Din il-fehma kien inħolqot hekk kif, f'xi żmien qabel Awwissu tal-1999, l-aħwa kienu qablu li jinfirdu. B'żieda ma' dan, l-imħarrek Stephen Magri nnifsu jammetti[33] li l-"ħlasijiet kienu saru bħala parti mill-arranġamenti globali illi kien hemm mal-attur". Dan ma jistax ma jfissirx li biċċa minn dawk l-Lm40,000 kienu tassew maħsuba, kif jisħqu l-atturi, bħala ħlas akkont ta' sehem l-attur mill-qligħ;

"Illi l-kwistjoni li ħabbtet mhux ftit lil din il-Qorti kien biex tiddetermina kemm, mis-somom ta' Lm40,000 li tħallsu lill-attur sa Ottubru tal-1999, kienu jaqtgħu sehemu mill-qligħ u kemm, jekk kien hemm, kienu jirrigwardaw il-kreditu miftiehem fuq il-kitba. Kif ingħad, skond l-attur, kull ma tħallas kien dwar sehemu mill-qligħ u xejn dwar id-dejn miftiehem. Min-naħa tal-imħarrkin, jidher li, sa xahar qabel ma bdiet din il-kawża u ftit jiem wara li l-atturi kienu

[30] Paġ. 137 tal-proċess
[31] Paġġ. 128-9 tal-proċess
[32] Paġ. 66 tal-proċess
[33] Kontro-eżami tiegħu 1.6.2004, f'paġ. 89 tal-proċess

interpellawhom biex iħallsu s-somma kollha, l-istess imħarrkin kien jistqarru li l-attur kien imissu s-somma ta' tletin elf Lira Maltija (Lm30,000) b'sehem mill-qligħ tan-negozju saż-żmien li huwa nfired minnhom, u sitta u tletin elf Lira (Lm36,000) mid-dejn miftiehem. Sa Settembru tal-2001, ma kien tħallas xejn aktar lill-attur minn dawk l-ewwel Lm40,000. Kellhom jgħaddu madwar erba' (4) snin qabel ma l-imħarrkin wettqu l-ewwel ħlas ulterjuri b'ċedola ta' depożitu[34];

"Illi din il-kostatazzjoni ġġib fuq quddiem nett **it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin, jiġifieri l-**eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni**. Biha, l-imħarrkin qegħdin jimmiraw li jwaqqfu l-kawża u jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;

"Illi xieraq jingħad li eċċezzjoni bħal din li hija ta' għamla dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża[35]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-intimati li jikkonvinċu lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor.* Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[36]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita` huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;

"Illi b'żieda ma' dan, huwa wisq possibbli li, f'kawża bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum, jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-*Jus Superveniens*[37]. Dan qiegħed jingħad għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok għaliex din il-Qorti hija tal-fehma li, għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel f'dawn id-deliberazzjonijiet, biċċa mill-ħlas magħmul lill-attur fl-1999 kien maħsub li jħallas is-sehem tiegħu mill-qligħ. Fit-tieni

[34] Ċedola Nru. 11/2003
[35] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[36] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[37] Ara P.A. **7.10.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Valenzia noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1177**)

lok, ukoll kieku l-ħlas kollu li sar sa Ottubru tal-2001 kellu jitqies li sar kontra d-dejn miftiehem skond il-kitba, il-benefiċċju tal-ħlas b'rati favur l-imħarrkin seta' ntilef aktar tard matul is-smigħ tal-kawża jekk kemm-il darba l-ammont ta' arretrati dovut reġa' qabeż il-minimu stabbilit fil-ftehim. Issa minn fatti li saru kjarifiki dwarhom matul is-smigħ tal-kawża (u li l-ebda waħda mill-partijiet ma kienet fissret qabel ma l-Qorti talbet kjarifika dwarha[38]) joħroġ li sal-bidu tal-2003, l-imħarrkin ma ħallsu xejn aktar lill-atturi lil hinn mill-erbgħin elf Lira oriġinarjament imħallsin qabel ma nfetħet il-kawża;

"Illi dan ifisser li, bit-tħaddim tar-regola tal-*jus superveniens firmat actionem*, l-eċċezzjoni tal-intempestivita` (ukoll kieku kellha titqies mistħoqqa) titlef is-siwi tagħha għal kollox filwaqt li l-azzjoni attriċi tikseb il-jedd li titkompla sat-tmiem tagħha;

"Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni u lanqas ma ssib li tista' teħles lill-imħarrkin mill-ħarsien tal-ġudizzju, kif qegħdin jitolbu. Minbarra dan, jiġi wkoll li bl-imsemmi nuqqas tagħhom, l-imħarrkin naqsu li jħarsu l-modalitajiet tal-ħlas puntwali kif miftehma fil-kitba ta' kostituzzjoni ta' dejn, u għalhekk tilfu wkoll il-benefiċċju li jibqgħu jħallsu d-dejn tagħhom biż-żmien. Minħabba li l-imġiba tal-imħarrkin kienet l-istess, u minkejja li fil-kitba msemmija kienu eskludew is-solidarjeta`, din il-fehma li qegħda tasal għaliha l-Qorti tgħodd għalihom it-tnejn;

"Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ il-mertu tat-talba attriċi u li tillikwida l-ħlas li l-atturi fadlilhom jirċievu mingħand l-imħarrkin jew min minnhom;

"Illi biex tasal għal dan l-eżerċizzju l-Qorti qegħda tqis il-provi kollha mressqa u tieħu qies tal-verżjonijiet tal-partijiet, flimkien mal-applikazzjoni tal-prinċipji legali diġa` msemmja. Qegħda tieħu qies ukoll tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-partijiet fin-Noti tagħhom. Minn dan kollu l-Qorti ssib li, saż-żmien li tressqet il-kawża, kienu dovuti lill-atturi Lm36,000 taħt il-kitba tal-kostituzzjoni tad-dejn u

38 Ara n-Noti f'paġġ. 156 u 159-160 tal-proċess

tnejn u tletin elf Lira Maltija (Lm32,000) bħala sehem l-attur mill-qligħ tan-negozju komuni bejn l-aħwa sal-“*cut-off date*” miftehma bejniethom. Il-Qorti qegħda tqis ukoll li, sa qabel id-data li nfetħet il-kawża, l-imħarrkin kienu aċċettaw ukoll li s-somma dwar il-qligħ kienet dovuta lill-attur. Minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari fejn l-imħarrek Stephen Magri nnifsu stqarr li parti mill-ħlas magħmul kien jinkludi ħlas akkont mis-sehem fil-qligħ dovut lill-attur, il-Qorti ssib li għandha tapplika r-regola maħsuba fl-Artikolu 1171(ħ) tal-Kodiċi Ċivili, u timputa l-ħlas ta’ Lm40,000 bħala ħlas *pro rata* dwar iż-żewġt idjun. B’hekk, jiġi li sal-waqt li nfetħet il-kawża, l-atturi tħallsu wieħed u għoxrin elf u mitejn Lira Maltija (Lm21,200)[39] dwar id-dejn miftiehem fil-kitba tal-4 ta’ Awwissu, 1999, filwaqt li tħallsu s-somma ta’ tmintax-il elf u tmien mitt Lira (Lm18,800)[40] akkont tas-sehem mill-qligħ dovut min-negozju komuni;

“Illi dan ifisser li, ladarba l-imħarrkin tilfu l-benefiċċju li jħallsu f’rati, is-somma li l-atturi għandhom jedd jitolbu taħt il-kitba hija ta’ tmienja u disgħin elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm98,800), flimkien mal-imgħax legali kif miftiehem, u salv dak li sejjer jingħad fil-parti dispożittiva ta’ din is-sentenza. Il-Qorti tqis ukoll li, matul is-smigħ tal-kawża, l-imħarrkin iddepożitaw taħt l-awtorita` tagħha diversi somom akkont tas-somma msemmija, liema somom ma ġewx aċċettati mill-atturi;
“Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**“Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** u dan fid-dawl tad-digriet mogħti fil-31 ta’ Ottubru, 2001;

**“Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin u tiddikjara li l-azzjoni saret sewwa f’waqtha, u billi tiddikjara li l-imħarrkin tilfu l-benefiċċju li jħallsu d-dejn tagħhom fi żmien permezz ta’ rati ta’ ħlas;

**“Tilqa’ t-tieni talba attriċi** fis-sens li tiddikjara li l-atturi għad fadlilhom jitħallsu s-somma ta’ tmienja u disgħin elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm98,800), u għalhekk qegħda

[39] Jiġifieri $^{36}/_{68}$ x Lm 40,000
[40] Jiġifieri $^{32}/_{68}$ x Lm 40,000

tikkundanna lil kull wieħed mill-imħarrkin Stephen u Noel Emmanel aħwa Magri jħallsu lill-atturi s-somma disgħa u erbgħin elf u erba' mitt Lira Maltija (Lm49,400) flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma sal-jum tal-ħlas effettiv, b'dan li m'għandu jgħaddi l-ebda imgħax fuq dawk is-somom li tqegħdu mill-istess imħarrkin b'depożitu taħt l-awtorita` tal-Qorti; u

"Tordna li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu in kwantu għal erbgħa minn ħames partijiet ($^4/_5$) mill-imħarrkin, u sehem minn ħames partijiet ($^1/_5$) mill-atturi."

**<u>Ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut Emanuel Noel Magri</u>**

Il-konvenut Emanuel Noel Magri ħass ruħu aggravat bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u interpona appell minnha.

L-aggravju tiegħu huwa s-segwenti:

Fir-rigward tal-vertenza odjerna dwar jekk il-ħlas li sar mill-konvenuti lill-atturi kienx akkont tal-pagamenti dovuti skond l-iskrittura jew kienx fir-rigward tal-profitti li kellhom jieħdu l-atturi, l-appellant Emanuel Noel Magri jinsisti li l-appellati qatt ma ressqu prova waħda biex turi x'ammont ta' profitti kellhom jieħdu mill-kumpaniji wara d-diviżjoni. Isostni li fir-rigward tal-pagamenti ta' Lm20,000 u Lm20,000 huwa iżjed verosimili li dawn kienu jirrigwardaw ammont cert u mhux ikkontestat milli pagament dovut akkont ta' profitti li kienu nħadmu u ġew diskussi sentejn wara, u mil-liema profitti kien għad irid jiġi pacut il-valur ta' *stock*. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex tagħmel l-imputazzjoni li għamlet meta l-profitti kien għadhom mhux attwalment dovuti iżda sempliciment pretiżi.

Jagħmel ukoll riferenza għall-Artikolu 1171(a) tal-Kap. 16 li jistipula li meta ma tkun saret l-ebda imputazzjoni filwaqt tal-ħlas, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn mhux ikkontestat qabel id-dejn ikkontestat.

Iżid jgħid ukoll li l-imputazzjoni li l-ewwel Qorti għamlet meta qassmet il-pagament magħmul mill-konvenuti lill-atturi in parti bħala pagament dovut taħt l-iskrittura u in

parti bħala pagament akkont tal-profitti dovuti kien wieħed li necessarjament qatt ma seta' jwassal biex l-istess Qorti tasal għall-konkluzjoni tagħha li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu.

Josserva wkoll li l-attur kien ikkonferma li fl-opinjoni tiegħu il-profitt kien circa Lm32,000, liema ammont għad irid jiġi pacut mal-valur ta' l-i*stock* li kien irid iħallas lura, iżda l-appellant jargumenta li anke kieku wieħed jitkellem fuq l-ammont nett ta' profitti accettat mill-attur skond il-kalkoli ta' l-2001, joħroġ car li l-ammont ta' profitti pretiż minnu huwa inqas mill-ammont ta' Lm40,000 imħallas lilu mill-konvenuti, u nonostante dan, huwa ddecieda li jżomm l-ammont ta' Lm8,000 imħallsin żejda.

L-appellant igħid ukoll li l-materja tal-profitti tqajmet mill-atturi u mhux mill-konvenuti u għalhekk kienu l-atturi li kellhom juru kif huma kellhom jieħdu f' Lm40,000 bħala profitti, u anke hawn naqsu għaliex l-attur Louis Magri seta' biss igħid li l-ammont ta' profitti kien ta' circa Lm32,000 (u dan mingħajr ma wieħed jikkunsidra l-ammont tal-valur ta' *stock* li kellu jitnaqqas).

Għaldaqstant l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma d-deciżjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi filwaqt li tikkonferma li mill-ammont ta' Lm120,000 diġa` tħallsu Lm21,200 tiddikjara li l-ammont ta' Lm18,800 tħallas ukoll akkont ta' l-istess ammont ta' Lm120,000 (dovut in kwantu għal Lm60,000 lill-atturi minn kull wieħed mill-konvenuti) u b'hekk tiddikjara li l-konvenuti ma tilfux il-beneficcju li jħallsu l-bilanc rimanenti skond ir-rati pattwiti fl-iskrittura ta' bejniethom.

**Ir-risposta ta' l-Appell ta' l-atturi Louis u Patricia konjuġi Magri għar-rikors ta' l-appell ta' Emanuel Noel Magri**

L-atturi Louis u Patricia Magri wieġbu biex juru li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma.

Dwar il-provi li kellhom iġibu, huma jiccaraw illi kull riferenza fir-rikors ta' l-appell għal xi provi li kellhom iressqu hija rrilevanti għaliex huma sejsu l-azzjoni tagħhom biss fuq l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu u xejn aktar.
Dwar l-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili jirrilevaw illi l-ewwel Qorti effettivament ħadet konjizzjoni ta' dan l-artikolu u mhux minnu li hija ma applikatux: huma pero` jispjegaw illi l-Qorti ma applikatx dan l-artikolu "*in vacuum*" iżda b'riferenza għall-fatti partikolari tal-każ u cioe` dak li qal Stephen Magri fil-kontro-eżami tiegħu fejn stqarr li l-ħlasijiet li saru minnu u minn ħuh, il-konvenut l-ieħor, saru akkont tal-ftehim globali bejn il-kontendenti. In vista ta' din l-istqarrija jargumentaw li l-Qorti ma setgħetx tapplika l-Artikolu 1171(a) tal-Kodici Civili iżda kellha tapplika invece r-regola ta' imputazzjoni kif ikkontemplata fl-Artikolu 1171(h).

Dwar it-telf tal-beneficcju tat-terminu huma jirrilevaw li l-ewwel Qorti kienet ferm korretta u kawta dwar kif waslet għal dan: minn meta tħallsu l-Lm40,000 sa ma sar il-pagament permezz ta' cedola ta' depożitu għaddew erba' snin. Huma jinsistu li l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tapplika r-regola "*jus superveniens firmat actionem et exceptionem*" u tieħu in konsiderazzjoni dak li ġie ddepożitat mill-konvenuti waqt il-mori tal-kawża sabiex hija tasal għal ġudizzju sħiħ u tiddetermina jekk il-konvenuti għandhomx jitilfu l-beneficcju tat-terminu.

## **Ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti Stephen u Mary Grace Magri**

Il-konvenuti Stephen u Mary Grace Magri wkoll ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tat-22 ta' Frar 2007 u interponew appell minnha.

L-aggravji tagħhom jistgħu jiġu miġbura u sintesizzati kif ġej:
(1) Primarjament huma jinsistu li l-pagamenti ta' Lm40,000 li saru minnhom u minn Emanuel Noel Magri kellhom jiġu imputati biss għall-kreditu dovut abbażi ta' l-iskrittura ta' l-4 ta' Awwissu 1999. Huma jilmentaw li d-

dikjarazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti li l-ħlasijiet li saru mill-konvenuti kellhom ikunu imputati għaż-żewġt idjun la għandha bażi fattwali u lanqas legali. Huma jaccennaw għall-fatt li fil-mument li saru l-pagamenti ta' Lm40,000 la l-atturi u lanqas il-konvenuti ma specifikaw li dawn il-flejjes kienu qegħdin jiġu imputati għal xi debitu partikolari. Jaccennaw ukoll għall-fatt li d-debitu msemmi fl-iskrittura ta' l-4 ta' Awwissu 1999 kien cert u likwidat filwaqt li fir-rigward tal-profitti l-ammont kien għadu ma ġiex likwidat jew miftiehem u għalhekk ma kien hemm xejn car. Huma jargumentaw li ladarba ma kienx hemm indikazzjoni mill-partijiet dwar kif għandu jiġi imputat il-ħlas, wieħed irid isegwi r-regoli legali dwar dan naxxenti mill-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili.

(2) L-konvenuti Stephen u Mary Grace Magri ħassew ruħhom aggravati wkoll mis-sentenza fejn hija għamlet riferenza għall-principju tal-*ius superveniens* u jissottomettu li dan il-principju mhux applikabbli għal dan il-każ. Huma jirreferu għall-eccezzjonijiet tagħhom u senjatament għall-fatt li l-atturi ma talbux li jiġi dikjarat li l-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu, u jaccennaw għall-fatt li huma baqgħu jiddepożitaw pagamenti akkont tal-kreditu mertu ta' din il-kawża u għalhekk ma jistgħux jitqiesu morużi.

Għaldaqstant qed jitolbu lil din il-Qorti timmodifika s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sens li tikkonferma dik il-parti fejn il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba u tirrevoka l-kumplament ta' l-istess sentenza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-tieni talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu kollha mill-atturi.

**Ir-risposta ta' l-Appell ta' l-atturi Louis u Patricia konjuġi Magri għar-rikors ta' l-appell ta' Stephen u Mary Grace Magri**

L-atturi Louis u Patricia Magri wieġbu wkoll fir-rigward tar-rikors ta' l-appell ta' Stephen u Mary Grace Magri biex juru li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma.

Dwar il-provi li kellhom iġibu huma jissottomettu illi kull riferenza fir-rikors ta' l-appell għal xi provi li kellhom iressqu huma rrilevanti għaliex huma sejsu l-azzjoni tagħhom biss fuq l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu u xejn aktar.

Dwar l-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili jirrilevaw illi l-ewwel Qorti effettivament ħadet konjizzjoni ta' dan l-artikolu u mhux minnu li hija ma applikatux: huma pero` jispjegaw illi l-Qorti ma applikatx dan l-artikolu "*in vacuum*" iżda b'referenza għall-fatti partikolari tal-każ u cioe` dak li qal Stephen Magri fil-kontro-eżami tiegħu fejn stqarr li l-ħlasijiet li saru minnu u minn ħuh il-konvenuti l-ieħor saru akkont tal-ftehim globali bejn il-kontendenti. In vista` ta' din l-istqarrija jargumentaw li l-Qorti ma setgħetx tapplika l-Artikolu 1171(a) tal-Kodici Civili iżda kellha tapplika invece r-regola ta' imputazzjoni kif ikkontemplata fl-Artikolu 1171(h).

Dwar it-telf tal-beneficcju tat-terminu huma jirrilevaw li l-ewwel Qorti kienet ferm korretta u kawta dwar kif waslet għal dan: minn meta tħallsu l-Lm40,000 sa ma sar il-pagament permezz ta' cedola ta' depożitu għaddew erba' snin. Huma jinsistu li l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tapplika r-regola "*jus superveniens firmat actionem et exceptionem*" u tieħu in konsiderazzjoni dak li ġie ddepożitat mill-konvenuti waqt il-mori tal-kawża sabiex hija tasal għal ġudizzju sħiħ u tiddetermina jekk il-konvenuti għandhomx jitilfu l-beneficcju tat-terminu.

Dwar il-punt li qajmu l-appellanti Stephen u Mary Grace Magri illi fic-citazzjoni ma ntalbitx dikjarazzjoni li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu, l-appellati jirrilevaw li fl-ewwel lok dan l-argument ma ġiex imressaq per *via di eccezzione* u għalhekk għandu jiġi skartat mill-Qorti ta' l-Appell, u fit-tieni lok it-talba attrici fejn qed jintalab li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma kollha dovuta timplika telf ta' beneficcju tat-terminu minnha nfisha u wkoll din is-sanzjoni minħabba morożita` hija kontemplata fl-iskrittura nfisha.

Dwar il-punt li l-appellanti baqgħu jiddepożitaw pagamenti akkont tal-kreditu mertu ta' din il-kawża u għalhekk ma jistgħux jitqiesu morużi, l-appellati jirrilevaw li anke kieku wieħed kellu jabbraccja dan l-argument, wieħed isib li tali depożitu sar biss erba' snin wara l-ħlas ta' Lm40,000 u għalhekk meta wieħed jikkunsidra s-somma ta' Lm21,200 xorta waħda l-istess appellanti kienu morużi ai termini ta' l-iskrittura.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

Din il-kawża saret mill-atturi sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom s-somma ta' Lm120,000 a tenur ta' l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu li saret bejniethom fl-4 ta' Awwissu 1999. Il-konvenuti kienu ntrabtu li jħallsu lill-atturi is-somma ta' Lm120,000 f'pagamenti ta' Lm12,000 kull sena għal għaxar snin, iżda l-atturi wara li ppremettew li l-konvenuti kienu morużi fil-pagamenti tagħhom (skond huma l-konvenuti ma ħallsu xejn minn dawn l-Lm120,000) fetħu din il-kawża għaliex dehrilhom li bħala konsegwenza tal-morożita` tagħhom il-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu u konsegwentement is-somma ta' Lm120,000 hija dovuta kollha fl-intier tagħha bl-imgħax bl-ogħla rata li tippermetti l-liġi.

Jirriżulta li in segwitu għall-ftehim li sar bejn il-kontendenti fl-4 ta' Awwissu 1999 kienu saru żewġ ħlasijiet ta' Lm20,000 da parti tal-konvenuti: wieħed fit-22 ta' Settembru 1999 u l-ieħor fis-7 ta' Ottubru 1999.

<u>L-attur</u> argumenta li dawn il-ħlasijiet ma kienux saru fir-rigward ta' l-ammont ta' Lm120,000 kostitwit fil-kitba[41], iżda insista li l-Lm40,000 kienu jirrappreżentaw ħlas akkont ta' sehmu mill-qligħ tan-negozju sakemm kien għadu jaħdem bi sħab ma' ħutu u li allura d-debitu ta' Lm120,000 kostitwit bl-iskrittura ta' l-4 ta' Awwissu kien għadu <u>kollu</u> dovut.

41 "*…dawk iż-żewġ pagamenti ta' għoxrin elf lira ma kellhomx x' jaqsmu mal-kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu …*" ( depożizzjoni ta' Louis Magri, fol 50)

Il-konvenuti da parti tagħhom insistew invece illi l-Lm40,000 li kienu ħallsu kienu akkont ta' l-iskrittura.

L-ewwel Qorti, wara li qieset il-provi kollha mressqa, il-principji legali rilevanti għall-każ u anke s-sottomissjonijiet tal-partijiet dehrilha li kellha timputa Lm40,000 bħala ħlas *pro rata* fir-rigward taż-żewġt idjun: Lm21,200 fir-rigward tad-dejn naxxenti mill-iskrittura u Lm18,800 fir-rigward tas-sehem dovut lill-attur mill-qligħ tan-negozju. Peress li sal-mument li nfetħet il-kawża il-konvenuti kienu skond l-iskrittura suppost diġa` ħallsu Lm36,000[42] ġie li b'Lm21,200 kienu fi stat ta' morożita` u għalhekk l-ewwel Qorti kkonkludiet li kienu tilfu l-beneficcju li jħallsu f'rati u ordnat li jħallsu l-kumplament ta' l-ammont u cioe` Lm98,800 (Lm120,000 – Lm21,200) flimkien ma' l-imgħaxijiet legali.

L-aggravju principali ta' l-appellanti jikkonsisti proprju fil-fatt li l-ewwel Qorti imputat iż-żewġ pagamenti ta' Lm20,000 li saru lill-attur Louis Magri fit-22 ta' Settembru 1999 u fis-7 ta' Ottubru 1999 in parti għad-dejn ta' Lm120,000 naxxenti mill-iskrittura ta' l-4 ta' Awwissu 1999 u in parti għas-sehem dovut lill-attur mill-qliegħ tan-negozju komuni bejn l-aħwa, meta skond huma l-Lm40,000 kellhom jiġu imputati biss għall-kreditu dovut abbażi ta' l-iskrittura ta' l-4 ta' Awwissu 1999.
Jirriżulta li l-konvenuti ma specifikawx li kienu qegħdin iħallsu l-Lm40,000 akkont tad-dejn kostitwit bl-iskrittura, u lanqas ma talbu lill-attur dikjarazzjoni li kien qed jircievi l-ammont akkont ta' l-ammont imsemmi fl-iskrittura. Lanqas ma jirriżulta li l-attur kien imputa specfikatament għal liema dejn kien qed jaccetta l-ħlas jew ta xi ricevuta f'dan is-sens. Għalhekk, għalkemm l-attur jinsisti li l-Lm40,000 kienu kollha fir-rigward tas-sehem tiegħu mill-profitti, u l-konvenuti jinsistu li kienu kollha abbażi tal-ftehim ta' l-1999, effettivament ma saret l-ebda imputazzjoni mill-ebda parti meta tħallsu l-Lm40,000. Fil-fatt l-ewwel Qorti kienet waslet biex tqis *"…li ma saret l-ebda imputazzjoni mill-ebda parti meta saru ż-żewġ ħlasijiet ta' Lm20,000 lill-attur"*.

[42] Lm12,000 kull sena fl-1999, 2000 u 2001

L-ewwel Qorti osservat li l-konvenut Stephen Magri stess kien "ammetta" fil-kontro-eżami tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2004 illi *"…il-ħlasijiet kienu saru bħala parti mill-arranġament globali illi kien hemm ma' l-attur*" u għalhekk ikkonkludiet li "*dan ma jistax ma jfissirx li bicca minn dawk l-Lm40,000 kienu tassew maħsuba, kif jisħqu l-atturi, bħala ħlas akkont ta' sehem l-attur mill-qligħ*". L-ewwel Qorti għalhekk ikkonkludiet li l-Lm40,000 kienu in parti maħsuba bħala ħlas akkont ta' sehem l-attur mill-profitti u konsegwentement dehrilha li kellha tapplika r-regola maħsuba fl-Artikolu 1171(h)[43] tal-Kodici Civili sabiex tiddetermina <u>kemm</u> mill-Lm40,000 kienu jaqtgħu sehem l-attur mill-qligħ u kemm kienu jirrigwardaw il-kreditu. Dan ir-raġjonament ta' l-ewwel Qorti ġie kkritikat mill-appellanti Stephen u Mary Grace li jargumentaw illi ladarba filwaqt illi saru l-pagamenti ma kien hemm l-ebda imputazzjoni minn ħadd mill-partijiet dwar il-ħlasijiet, huwa irrilevanti x'kien qed jaħseb xi ħadd mill-partijiet peress li hawnhekk qegħdin fil-kamp tal-fatti u mhux tal-ħsieb.

Din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel iż-żewġ osservazzjonijiet li ġejjin:

1) Fil-fehma tagħha l-ewwel Qorti straħet wisq fuq din l-hekk imsejħa "ammissjoni" ta' Stephen Magri. Għalkemm skond it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Stephen Magri l-ħlasijiet kienu saru "*bħala parti mill-arranġament globali li kien hemm bejn l-attur"*, jekk wieħed ikompli jaqra s-sentenza segwenti jirriżulta li qal hekk "*Jiena ngħid li diskors bejni u l-attur ħija Louis dwar il-fatt illi l-imsemmija ħlasijiet kienu qegħdin isiru akkont tad-debitu imsemmi fil-kitba ta' l-4 ta' Awwissu 1999 ma kienx sar*. *Pero` inżid ngħid illi ħija Louis qatt ma kien għarrafni illi l-ħlasijiet dovuti lilu skond dik l-iskrittura ma konniex għamilnihomlu, anzi kont nikkonferma miegħu li dejjem mexjin sew*". Rilevanti wkoll huwa l-affidavit ta' Stephen Magri (fol. 25-27), fejn l-istess Stephen Magri jaccenna għall-fatt li wara

---

[43] 1171(h) *"jekk id-djun ikunu f' kondizzjoni waħda, l-imputazzjoni ssir pro rata"*

li hu u ħuh Emanuel kienu ħallsu l-Lm40,000 fl-1999, Louis "*qatt ma cempilli biex ikellimni fuq l-ewwel pagament ta' Lm12,000 ta' Settembru 1999 u aktar tard tat-tieni u tielet pagament ta' Lm12,000 f'Settembru 2000 u 2001 biex jgħidli li wasal iż-żmien tal-pagament jew li aħna ma konniex ħallasnieh. Dan jien fhimt li ma għamlux peress li Noel u jien konna ħallasnih Lm40,000 f'daqqa u qabel iż-żmien*". Emanuel Noel Magri wkoll jikkonferma fl-affidavit tiegħu illi Louis qatt ma kien talabhom il-ħlas fl-1999, 2000 u 2001 (fol. 38-40). Jidher li kien imbagħad permezz ta' l-ittra ufficjali datata 31 ta' Awwissu 2001 (fol. 69) u cioe` jum qabel it-tielet pagament ta' Lm12,000 kien dovut, li l-konvenuti ġew interpellati għall-ewwel darba biex iħallsu s-somma kollha ta' Lm120,000. Louis u martu Patricia Magri t-tnejn xehdu li kuntrarjament għal dak li qalu l-konvenuti, Louis Magri kien fil-fatt icemplilhom għall-ħlas. Wieħed pero` jistaqsi: jekk l-attur fehem li l-Lm40,000 li ħa ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' l-iskrittura, u minkejja d-diversi talbiet lil għamel lil ħutu dawn baqgħu ma ħallsuhx fir-rigward ta' l-iskrittura, għaliex ma għamel xejn għal sentejn sħaħ?

2) Inoltre l-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili jelenka r-regoli li għandhom jitħarsu meta ma tkunx saret imputazzjoni waqt il-mument tal-ħlas, kif ġara fil-każ odjern. L-ewwel Qorti effettivament kkunsidrat l-Artikolu 1171(b)[44] u l-Artikolu 1171(f)[45]. Fir-rigward ta' l-Artikolu 1171(b) osservat li d-dejn tal-profitt li l-attur kellu jircievi kien dejn mhux biss mhux magħluq imma lanqas likwidat (għalkemm previst); filwaqt li fir-rigward ta' l-Artikolu 1171(f) "*Qajla għandu għalfejn jingħad li l-imħarrkin*

---

[44] 1171(b) "meta hemm iżjed minn dejn wieħed mhux ikkontestat il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi fiż-żmien tal-ħlas ikun ġa magħluq qabel id-djun li jkunu għad ma għalqux, ħlief jekk fost dawn id-djun imsemmijiet l-aħħar ikun hemm dejn li għalih id-debitur hu suġġett għall-arrest tal-persuna, f' liema każ il-ħlas għandu jitqies li sar fuq dak id-dejn , kemm-il darba ż-żmien għall-ħlas ma kienx ġie miftiehem ukoll favur il-kreditur"

[45] 1171(f) "fil-każijiet mhux imsemmija espressament fir-regoli ta' qabel din, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi fiż-żmien tal-ħlas, id-debitur kellu l-iżjed interess li jħallas"

*kellhom interess akbar li jħallsu r-rati miftehma tal-kreditu msemmija fil-kitba milli jħallsu lill-attur sehmu mill-qliegħ."*

Iżda nonostante dawn il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-applikabbilita` ta' dawn iż-żewġ sub-artikoli għac-cirkostanzi in kwistjoni l-ewwel Qorti ħasset li "*tali preżunzjonijet tal-liġi jibqgħu jgħoddu biss sakemm ma jintweriex mod ieħor"*. L-ewwel Qorti dehrilha li kellha tiskarta r-regoli jew "*preżunzjonijiet tal-liġi*" kif issejħilhom hi, taħt l-Artikolu 1171 għaliex fl-ewwel lok kien hemm il-fehma li kien hemm żewġt idjun favur l-attur u fit-tieni lok hija fehmet illi l-"ammissjoni" ta' Stephen Magri tfisser li bicca mill-Lm40,000 kienu "maħsuba" għall-ħlas akkont ta' sehem l-attur mill-qliegħ.

Iżda din il-Qorti hi tal-fehma li fl-ewwel lok kif l-ewwel Qorti tat piż lill-"ammissjoni" ta' Stephen Magri kellha ukoll tagħti piż lill-fatt li l-attur ma ħax passi kontra l-konvenuti biex isiru l-pagamenti annwali ta' Lm12,000 fis-snin 1999 u 2000 (l-ittra ufficjali intbagħtet fl-2001) - fatt li allura jista' jiġi interpretat bħala li l-attur kien "fehem" fil-mument tal-ħlas li l-Lm40,000 kienu akkont ta' l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu. Kif osserva l-appellat Emanuel Noel Magri fir-rikors ta' l-appell tiegħu, hija pjuttost inverosimili li l-attur Stephen Magri, minkejja l-allegata morożita` tal-konvenuti fir-rigward tal-flus dovuti fir-rigward ta' l-iskrittura, ħa pacenzja u ma għamel xejn sa l-aħħar ta' Awwissu 2001. Ta' min jirrileva l-fatt li fil-laqgħa bejn l-aħwa li saret fis-sajf ta' l-2001 meta kellhom jiddiskutu l-profitti u l-i*stock*, kien inqala' disgwid bejn l-aħwa[46] għaliex l-attur Louis Magri ppretenda li l-valur ta' l-istokk żejjed li kien ħa, u li kien se jiġi mnaqqas mis-sehem tiegħu tal-profitti, kellu jiġi valutat bid-*"depreciation"*. Kien fil-fatt ftit wara dan in-nuqqas ta' ftehim li inqala' bejn il-kontendenti li l-attur imbagħad interpella ufficjalment għall-ewwel

[46] "*Kienet saret laqgħa bejn l-aħwa Magri għand il-mama` tagħna f' Lulju 2001 biex niddiskutu l-istokk u l-accounts li kienu finalizzati . Dak in-nhar Louis ma kien qal xejn dwar nuqqas ta' ħlasijiet dovuti lilu mingħand ħuti Stephen u Noel u niftakar li sa dak in-nhar qatt ma kien hemm problemi bejnietna l-aħwa. Iżda kien inqala' l-inkwiet biss meta dak in-nhar tal-laqgħa għand il-mama` insista li kellu jsir depreciation ta' l-istokk."* Affidavit ta' Anthony Magri, fol 63

darba lill-konvenuti u ikkontenda li kienu morużi fir-rigward tal-pagamenti tagħhom relattivi għall-iskrittura ta' l-1999.

Fit-tieni lok din il-Qorti ma tikkondividix dan ir-raġjonament ta' l-ewwel Qorti li l-"*preżunzjonijet tal-liġi jibqgħu jgħoddu biss sakemm ma jintweriex mod ieħor"*. L-Artikolu 1171 imkien ma jipprovdi li r-regoli elenkati minnu "jgħoddu biss sakemm ma jintweriex mod ieħor". L-Artikolu 1171 sempliciment jelenka ir-regoli li "*għandhom jitħarsu*" f'każ li ma tkun saret l-ebda imputazzjoni "*fil-waqt tal-ħlas*" u dan mingħajr riservi. Il-każ in kwistjoni jaqa' taħt l-Artikolu 1171 peress li fil-mument li tħallsu l-ammonti ta' Lm20,000 u Lm20,000 rispettivament ma saret l-ebda imputazzjoni. X'fehem u x'ħaseb il-kreditur jew id-debitur huwa irrilevanti <u>ġialadarba ma ġiex pruvat li kien hemm imputazzjoni specifika fil-mument tal-ħlas</u>.

Din il-Qorti hija tal-fehma li c-cirkostanzi tal-każ jinkwadraw ruħhom taħt l-Artikolu 1171(b) u fin-nuqqas taħt l-Artikolu 1171(f). Fi kwalunkwe każ, jirriżulta skond l-Artikolu 1171 li għandu jitqies li l-ħlas ta' Lm40,000 sar akkont tad-dejn naxxenti mill-iskrittura ta' l-1999 u għalhekk ma taqbilx li l-ħlas ta' Lm40,000 kellu jiġu imputat in parti għad-dejn ta' Lm120,000 naxxenti mill-iskrittura ta' l-4 ta' Awwissu 1999 u in parti għas-sehem dovut lill-attur mill-qliegħ tan-negozju komuni bejn l-aħwa. Għalhekk sad-data tal-preżentata tac-citazzjoni din il-Qorti hija tal-fehma li ma kienx hemm morożita` da parti tal-konvenuti fir-rigward ta' l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu.

L-ewwel Qorti kienet ikkummentat li huwa "wisq possibbli" li f'kawża bħal din jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-*Jus Superveniens*. Hija rriteniet illi anke kieku l-ħlas kollu li sar sa Ottubru ta' l-2001 kellu jitqies li sar kontra d-dejn miftiehem skond il-kitba, il-beneficcju tal-ħlas b'rati favur l-imħarrkin "seta' ntilef" aktar tard maghtul is-smiegħ tal-kawża jekk kemm-il darba l-ammont ta' arretrati dovut reġa' qabeż il-minimu stabbilit fil-ftehim. Hija osservat li wara li sar il-ħlas ta' Lm40,000 lill-attur fl-1999, l-ewwel ħlas ulterjuri li imbagħad għamlu l-konvenuti kien permezz ta' cedola ta' depożitu fil-bidu ta' l-2003, (minflok sa l-1 ta'

Settembru 2002 jew sa tlett xhur wara). Dan kien peress li l-atturi ma kienux accettaw il-ħlas. [47]

Din il-Qorti pero` ma jidhrilhiex li huwa applikabbli dan il-principju peress li c-citazzjoni tirrigwarda l-allegata morożita` tal-konvenuti sad-data tac-citazzjoni: l-atturi talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu l-ammont kollu ta' Lm120,000 peress li skond huma kienu morużi fil-pagamenti tagħhom sat-8 ta' Ottubru 2001. Din il-Qorti issa, għar-ragunijiet fuq enuncjati, sabet li ma kienx hemm din l-allegata morożita`, u ma tarax li hu l-każ li tikkonsidra jekk kienx hemm morożita` eventwali waqt il-mori tal-kawża. Hija ma tikkondividix l-argument ta' l-ewwel Qorti, iżda taqbel mar-raġjonament ta' l-appellanti Stephen u Mary Grace Magri, illi ladarba l-premessi tac-citazzjoni jikkoncernaw l-allegata morożita` fid-data tac-citazzjoni, dan jikkristallizza l-kawżali tac-citazzjoni u l-Qorti m'għandhiex tmur oltre dan.

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Maria Stella Balzan pro et noe vs Carmelo Borg**, deciża fis-16 ta' Jannar 1953 mill-Qorti ta' l-Appell. Din il-kawża kienet tirrigwarda skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu u kienet intalbet id-dekadenza mill-beneficcu tat-terminu minħabba morożita`. Iżda l-morożita` allegata fic-citazzjoni kienet fil-fatt immaturat ruħha *pendente lite* u l-atturi nvokaw it-teorija tal-*Jus Superveniens*. Din il-Qorti kienet irriteniet li din it-teorija ma kienitx applikabbli għall-każ u kienet irriteniet illi l-kwistjoni kienet strettament marbuta mal-mument stess tal-preżentata tac-citazzjoni. Żiedet tgħid li ma tistax tiġi pronunzjata d-dekadenza mit-terminu bis-saħħa tat-teorija tal-*Jus Superveniens* meta l-morożita` tavvera ruħha waqt il-kawża. Lanqas allura ma hija applikabbli t-teorija tal-*Jus Superveniens* għall-każ odjern fejn kwalunkwe morożita` eventwali li seta kien hemm

[47] "*Sa fejn naf jiena c-cedoli illi tressqu saru mill-konvenuti bħala parti mill-pagamenti illi għandhom jagħtuna pero` ngħid li aħna ma accettajnihomx. Aħna ma accettajnihomx għax mhux qed naqblu ma' l-ammonti fis-sens illi b' dawk il-pagamenti qed jieħdu in konsiderazzjoni l-erbgħin elf lira li qed jgħidu li ħallsu akkont tas-somma mitluba f' din ic-citazzjoni u aħna ma nacettawx illi dak il-pagamenti saru in konsiderazzjoni ta' din is-somma.*" (Xiehda ta' Patricia Magri, fol 122)

kien fir-rigward ta’ pagamenti kienu għadhom mhux dovuti sal-mument tal-preżentata tac-citazzjoni.

Għal dawn il-motivi tilqa’ ż-żewġ appelli tal-konvenuti kif ser jingħad u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta’ l-ewwel talba, tirrevoka l-kumplament ta’ l-istess sentenza billi tiċħad it-tieni talba attrici u tiddikjara li l-ammont ta’ Lm40,000, illum ekwivalenti għall-ammont ta’ tlieta u disgħin elf u mitejn Euro (€93,200), tħallas kollu akkont ta’ l-ammont ta’ Lm120,000, illum ekwivalenti għall-amont ta’ mitejn u disgħa u sebgħin elf u sitt mitt Euro (€279,600) u tiddikjara wkoll li l-konvenuti sad-data tac-citazzjoni ma kienux tilfu l-beneficcju li jħallsu l-bilanc rimanenti skond ir-rati pattwiti fl-iskrittura ta’ l-4 ta’ Awwissu 1999.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati mill-atturi appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------